**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 28/17 CZ**

**Richard Reader**

**vs.**

**Joseph Pullicino**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fid-19 ta' Jannar 2017 li permezz taghha premetta:

Illi l-amont mitlub mill-attur ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) jirraprezenta danni sofferti mill-istess attur bhala konsegwenza ta' l-attakk li ssubixxa u l-feriti u griehi li

sofra meta l-konvenut dolozament hebb ghalih u aggredieh gewwa Tas-Sliema fl-1 ta' Marzu 2016, u kkagunalu hsara fi snienu, liema hsara tehtieg kura u trattament dentali bi spejjez fis-somma ta' €2,470. Il-konvenut instab hati illi hebb ghall-attur fl-imsemmija data ta' l-1 ta' Marzu 2016, permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-26 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Pullicino (kopja legali annessa u mmarkata bhala Dok. A), izda minkejja illi huwa gie interpellat illi jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta mressqa fis-6 ta' Frar 2017, il-konvenut wiegeb:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess m'huwiex minnhu li r-rikorrenti sofra xi danni kagunati mill-esponenti;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont reklamat huwa wiehed eccessiv;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed titlob hlas ghal danni li allegatament sofra wara li l-konvenut aggredieh.

Illi t-Tribunal ra d-diversi dokumenti esebiti a fol. 11 et seq. tal-process.

Illi **l-attur Richard Harold Reader (**fol. 18) xehed b'affidavit, fejn qal li jum fost l-ohrajn meta kien mar biex jara l-penthouse f'Caledonia Tower, Qui-si-Sana, Tas-Sliema, kien qieghed fil-garage jistenna l-lift, meta f'daqqa wahda tfacca l-konvenut, li resaq sew lejh u ccassa lejh. L-attur staqsieh lejn xiex kien qed jiccassa, u l-konvenut wiegbu li kellu jhallieh wahdu. Malli kien ha jidhol fil-lift, il-konvenut gera lejh u tah daqqa ta' ponn f'geddumu u fix-xedaq, in-naha tax-xellug, b'forza kbira. L-attur ma rritalja bl-ebda mod, izda qal lill-konvenut li din id-darba kien ghamel izzejjed u li kien ha jbati l-konsegwenzi.

Illi minhabba dan kollu beda jhoss xi snien fin-naha ta' fejn tah daqqa ta' ponn il-konvenut jiccaqalqu. Qal li ghandu 'implans' ghal xi whud minn snienu, u kien inkwetat li seta' kien hemm xi hsara. Mar allura l-poliklinika t'Ghawdex u tabib hemmhekk ikkonfermalu li kellu zewg sinniet jiccaqalqu. Qal ukoll illi l-implants kienu sewwa qabel ma tah id-daqqa l-konvenut. It-tabib kien irrakkomanda li l-attur ikellem dentist, u l-attur hekk ghamel. Fil-fatt id-dentist tieghu ikkonfermat li dawn iz-zewg sinniet kellhom jinqalghu u jsiru implants godda, bi spiza ta' elfejn, erba' mija u sebghin Euro (€2,470). In kontro-ezami (**fol. 41**) xehed kif kien ghad ghandu kamrin fil-blokka ta'

appartamenti in kwestjoni u kien ghadda mill-garage ghaliex ma kellux access ghall-bieb ta' barra. Kien qed jistenna l-lift. Ma kellu l-ebda basket, u lanqas ma kellu xi skalpell. Beda jhoss l-ugiegh fix-xedaq meta qala' d-daqqa minghand il-konvenut. Dawn l-implants kien ghamihom xi seba' (7) snin ilu.

Illi xehdet ukoll **Dr. Romina Camilleri** (fol. 20), id-dentist ta' l-attur, li kkonfermat l-ispiza li kien hemm bzonn sabiex jinbidlu l-implants. In **kontro-ezami** xehdet illi dawn l-implants idumu numru ta' snin u indikat kemm jigu jiswew.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Mark Mercieca** (fol. 23) li esebixxa r-rapporti kollha li kien ghamel l-attur fil-konfront tal-konvenut, fosthom dwar l-incident in kwestjoni.

Illi xehed ukoll **il-konvenut Joseph Pullicino** (fol. 32) li qal li dakinhar ta' l-incident kien nizel fil-garaxx biex jistartja l-karozza, u sab lill-attur ma' wiccu. Inhasad ghaliex l-attur kien biegh il-propjeta' tieghu u ma kellux ghalfejn jersaq 'l hemm. Il-konvenut ma kellmux u baqa' sejjer lejn il-garaxx, izda l-attur beda jghajjar lill-konvenut u beda jimxi n-naha tieghu. Hekk kif rah riesaq iktar lejh, qallu biex ihallieh kwiet, u imbuttah, precizament minn bejn spalltu l-leminija u ghonqu. Hekk kif imbuttah, l-attur hareg furmatur u beda jxejjru fid-direzzjoni tieghu. Kif ra hekk, il-konvenut beza u prova jillarga, u kif rah qed jimxi lura, l-attur telaq. In **kontro-ezami** (fol. 37) qal li kien imbotta lill-attur bil-ponn, u laqtu fuq in-naha tal-lemin, mhux tax-xellug. Il-furmatur l-attur hargu wara li qala' d-daqqa ta' ponn.

Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:

Illi kwantu jikkoncerna l-fatti kif sehhew, hawn zewg verzjonijiet li ghalkemm mhux dijametrikament kontrastanti, ghandhom differenzi konsiderevoli bejniethom. Mhuwiex kontestat illi l-konvenut ta daqqa, anzi daqqa ta' ponn, lill-attur. Dan kif hareg car anke fil-kontro-ezami tieghu. Huwa kontestat izda il-lok fuq persunt l-attur fejn inghatat din id-daqqa ta' ponn. Dan ghaliex filwaqt li l-attur qed isostni li qalaghha fuq ix-xellug, il-konvenut qed isostni li tahielu fuq il-lemin.

Illi t-Tribunal jinnota illi c-certifikati illi ghalkemm ic-certifikat ta' Dr. Alfred Aquilina (fol. 11) mhuwiex daqstant car dwar in-naha ta' fejn kien hemm is-sinjali tad-daqqa, hemm izda c-certifikat l-iehor ta' Dr. Joseph Galea (fol. 12), illi ghalkemm sar jumejn wara l-akkadut, jindika b'mod car illi n-naha hija n-naha tax-xellug. Id-dentist (fol. 13) ukoll ikkonfermat illi s-snien jiccaqalqu kienu fuq in-naha tax-xellug.

Illi peress illi dan tan-naha tad-daqqa kien wiehed mill-punti principali ta' kontenzjoni, it-Tribunal jidhirlu li din il-kawza tistrieh sew fuq il-kredibilita' tal-partijiet u tax-xiehda taghhom, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-

kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi la ntqal dan, ghandu issa jinghad illi l-attur irnexxielu jipprova illi qala' daqqa minghand il-konvenut fuq in-naha tax-xellug tax-xedaq. It-tentattiv tal-konvenut li jindika li d-daqqa fil-fatt kienet fuq in-naha l-ohra ma jregix. It-Tribunal jinnota d-divergenza kbira fil-kliem uzat mill-konvenut bejn l-affidavit tieghu u dak li qal in

kontro-ezami, fis-sens illi filwaqt illi f'ta' l-ewwel uza l-kliem 'imbuttajt', in kontro-ezami kkonferma li kien mhux biss imbotta, izda ta daqqa ta' ponn, lill-attur. Dan jaghmel ix-xiehda tal-konvenut inqas kredibbli minn dik ta' l-attur, li wara kollox, dan ta' l-ahhar gie korroborat, ghal kwantu ghall-inqas jirrigwarda l-hsara, minn diversi professjonisti.

Illi l-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dak l-uzu.

Artikolu 1031 imbaghad jipprovdi illi:

> Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu

Artikolu 1032 jipprovdi:

> Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Illi wkoll, gie stabbilit illi "hu mprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza" (Kollez. Vol. XLIV P I p 343). Illi t-Tribunal qieghed ghalhekk f'dan il-punt jiddikjara illi l-attur irnexxielu jipprova r-rabta bejn l-akkadut u l-hsara li sehhet fi snienu. Il-konvenut min-naha l-ohra ma rnexxielux sufficjentement jipprova illi l-akkadut ma sehhx tort tieghu. L-attur irnexxielu wkoll jipprova l-ammont ta' danni mitluba permezz tax-xiehda tad-dentist, liema quantum ma giex effettivament kontestat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet ta' l-attur. L-ispejjez u l-imghax ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, kif mitluba.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur